MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 267/2010

Il-Pulizija
(Spt. Dennis Theuma)
Vs
Jason Michael Abela

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gżejjer fid-19 t’Ottubru 2006 u fis-sitt xhur ta’ qabel dina d-data b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u li kienu maħgmulin b’riżoluzzjoni waħda:

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma

kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li

jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu

(d) inġurja, hedded jew għamel offiża fuq persuna` ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn serviz pubblikU (ps 1086 Johann Micallef) waqt li jkun qed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinflusixxi fuqu kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz ai terminita' l-Artikolu 95 (1) tal-kap 9 tal-Lgijiet ta' Malta

(e) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni ikarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li dawn kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni maghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti ai termini ta' l-Artikolu 96 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(f) aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi harab mill-kustodja ta' PS 245 Keith Arnaud u PC 1188 P Cassar, persuni inkarigati mill-kustodja tieghu waqt li huwa kien qed jinzamm taht arrest gewwa vettura u dan ai termini ta' l-Artikoli 151 u 160 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(g) aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli specifikatament il-vetrina tal-hanut Agfa Colour sitwat fi Triq Dingli Sliema, liema hsara hija ta' iktar minn LM50 u inqas minn LM500 u dan ai termini ta' l-Artikolu 325 (1b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(h) Ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita jew ta' wiehed li jkun ikarigat minn servizz pubbliku jew ma hallix jew fixklu waqt li jkun qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew

b’xi mod iehor, bla jedd indahal fi dmiru billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li bil-ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b’xi mod iehor li jkun kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqaw taht disposizzjonijiet ohra ta’ dan il-Kodici jew ta’ ligi ohra ai termini ta’ l-Artikolu 338 (ee) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ Gunju, 2010, li biha, wara li rat ir-regolamenti 4 u 9, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i), 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 17(b), 17(h), 95(1), 96(a), 160, 325(1)(d), 160 u 338(ee) tal-Kap. 9 sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih b’dan pero` li t-tielet imputazzjoni (c) hija assorbita fit-tieni imputazzjoni waqt li r-raba` (d), is-seba` (g) u t-tmienja (h) huma assorbiti fil-hames imputazzjoni – dik immarkata (e) u kkundannatu ghal piena ta’ prigunerija ta’ ghaxar xhur u ghall-hlas ta’ multa ta’ €750, liema multa tista’ tithallas b’rata ta’ €80 kull erba` gimghat bl-ewwel pagament isir fi zmien erba` gimghat.  Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din ghandha tinbidel f’jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux.
Ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 il-Qorti kkundannatu lill-appellant ihallas l-ispejjez tal-esperti mahtura matul dawn il-proceduri li jammontaw ghal €789.75 fi zmien xahar. Jekk ma jithallsux dawn ikunu konvertiti f’piena ta’ prigunerija skond il-ligi.
Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 ta’ Gunju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu hati tar-raba, l-hames u s-sitt akkuza u thassaraha fil-parti fejn sabitu hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u minnhom tiddikjarah mhux hati u tilliberah skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-appell odjern qed isir minn l-ewwel tlitt akkuza. Illi l-appellant jikkontendi li dik il-Qorti ghamlet apprezzament kompletament skorrett tal-provi migbura. Illi huwa minnu li solitament dina l-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi migbura izda meta tali apprezzament ikun manifestament skorret allura jkun l-obligu tal-Qorti tal-Appell li tissindika jekk dak li sarax kienx tajjeb jew le. Illi s'issa fil-kaz in ezami rrizulta li l-appellant ta l-verzjoni li huwa kien jixtri d-droga tieghu u jmur jehodha fl-appartament ta' Fitzpatrick li kien habib tieghu. L-appellant cahad li huwa kien iforni d-droga jew jittraffika l-istess jew li kien fil-pussess ta' droga bl-intenzjoni li jittraffika l-istess. Issa n sostenn ta' din al-verzjoni hemm il-fatt illi fir-residenza tal-appellant ma nstab xejn li kellu x'jaqsam mal-abbuz tad-droga. Illi mhux biss izda tajjeb li jigi notat li l-appellant kien jiehu d-droga billi jittaqqab mentri Fitzpatrick kien jiehu d-droga billi jpejjep, illi waqt it-tfixxija mill-Pulizija fl-appartament in kwistjoni sabu hafna bicciet ta' foil u mhux seringi u ghalhekk anke dan id-detall zghir jinpingi favur it-tezi tal-appellant li huwa ma kienx jiehu droga ghal hadd ghajr ghal konsum tieghu.
Illi l-Ewwel Qorti ghamlet enfazi ghal fatt li meta nqabad l-appellant kellu d-droga fuqu. Illi fl-ewwel lok l-ammonti li kellu fuqu ta' droga l-appellant kienu zghar hafna u fit-tieni lok tali fatt ikompli jipponta favur id-direzzjoni tal-appellant li huwa kien imur hemm biss biex jiehu d-droga ghaliex fil-mument tal-arrest Fitzpatrick anqas biss kien fl-appartament.

Illi l-fatt li l-Qorti tkun rinfacjata b'zewg verzjonijiet kontrastanti mhux bilfors iwassal ghal liberazzjoni tal-appellant u mhux kull dubju huwa tajjeb bizzejjed biex jigi meqjus dubju ragjonevoli, izda meta wiehed ikollu zewg verzjonijiet differenti, imbaghad il-Gudikant ghandu b'kull dovut rispett l-obbligu li jara l-fatti speci l-ohra li jdawru l-kaz, jara l-provi cirkostanzjali u jara favur liema tezi dawn ikunu qed jippuntaw biex jara lil min ser jemmen. Issa fil-

kaz in ezami, l-fatti speci tal-kaz u l-provi cirkostanzjali ezistenti kollha jimilitaw favur it-tezi tad-difiza u huwa ghalhekk li l-appellanti kellu jigi liberat minn l-ewwel tlitt akkuzi.

Ikkonsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fiz-zmien indikat fl-imputazzjoni, l-appellant kien thabbeb ma certa’ Kanadiz bl-isem ta’ John Fitzpatrick illi kien kera appartament f’Tas-Sliema. Dak iz-zmien l-appellant kien jiehu d-droga u kien juza l-appartament ta’ Fitzpatrick biex jiehu d-droga fiha halli tal-familja ma jindunawx b’dak illi kien qieghed jaghmel. Fitzpatrick ukoll kien jiehu d-droga izda talli kien ihalli lill-appellant juza l-appartament tieghu ghat-tehid tad-droga, l-appellant kien jaghti d-droga b’xejn lil Fitzpatrick.

Fid-dsatax ta’ Ottubru ta’ l-elfejn u sitta (2006) waqt illi l-appellant kien qed javvicina l-appartament ta’ Fitzpatrick, gie mwaqqaf mill-pulizija izda huwa rrejagixxa aggressivament tant illi PS 1086 J. Micallef spicca l-isptar fejn sarulu xi punti.

Saret tfittxija fuq il-persuna ta’ l-imputat fejn instabu xi boroz zaghar bi trab kannella u sett cwievet, liema cwievet kienu ta’ l-appartament ta’ John Fitzpatrick. Saret tfittxija f’dan l-appartament fejn instabu bicciet ta’ foil irrumblati jew mahruqin fil-kcina tal-fond u kien hemm zewgt ikxaxen li f’wiehed minnhom kien hemm imqass, ammont ta’ foil, qratas vojta u mizien elettroniku. Saret ukoll tfittxija fir-residenza ta’ l-appellant izda ma nstab xejn.
Waqt illi l-appellant kien fil-kustodja tal-pulizja u immanettjat, ipprova jahrab izda peress illi l-art kienet imxarba zelaq u waqa’ ma l-art.

John Fitzpatrick ghamel stqarrija guramentata u xehed ukoll quddiem l-ewwel Qorti fejn qalilha li l-appellant kien tah l-erojina ghal madwar sitt xhur u xi kultant kien jaghtieh il-kokajina. L-appellant qatt ma talab flus lil Fitzpatrick u kkonferma li l-korrispettiv kien l-uzu ta’ l-appartament ghat-tehid tad-droga. Fitzpatrick ghamilha

cara illi huwa qatt ma ra lill-imputat ibiegh id-droga lil terzi.

L-appellant ukoll xehed quddiem l-ewwel Qorti u qal illi l-ftit kokajina illi nstabu fil-pussess tieghu kien gabhom mill-appartament u li kien Fitzpatrick li jaghtieh id-droga peress illi kellu problema. Spjega illi kien aktar ta droga Fitzpatrick lill-appellant milli kien ta droga l-appellant lil Fitzpatrick.

Ikkonsidrat:

L-appellant qieghed jappella mill-ewwel tlett akkuzi u jikkontendi illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi migbura. Kien hemm zewg (2) verzjonijiet principali – dik moghtija minn Fitzpatrick u dik moghtija minn l-appellant. Izda l-ewwel Qorti skartat ix-xhieda ta’ l-appellant u qadet biss fuq dik ta’ Fitzpatrick. Dana minkejja illi l-appellant kien innega illi huwa qatt ittraffika xi droga. U dak illi kien jiehu kien ghalih peress li dak iz-zmien kien jabbuza mid-droga. Fil-fatt, kien Fitzpatrick illi jforni d-droga lill-appellant u mhux vice versa. Izda l-ewwel Qorti skartat dan kollu u ghamlet enfasi ghall-fatt illi meta l-appellant inqabad, kellu ammont ta’ droga fuqu. Fi kwalunkwe kaz, dan l-ammont kien vera zghir u dan kellu jimmilita favur l-appellant u mhux vice versa.

Ilmenta wkoll illi kien hemm zewg verzjonijiet kontrastanti u fil-waqt illi kkonferma illi b’hekk ma jfissirx illi ghandu jkun hemm bil-fors liberatorja, sahaq li l-gudikant kellu l-obbligu illi jara l-fatti speci tal-kaz, il-provi cirkostanzjali u jara liema tezi kienet aktar vero simili. F’dan il-kaz, l-ewwel Qorti minkejja li l-provi cirkostanzjali kollha kienu jimmilitaw favur l-appellant, iddecidiet kontra tieghu.

Ikkonsidrat:

Ma hemmx dubbju illi meta l-pulizja waqqfu lill-appellant, quddiem l-appartament ta’ Fitzpatrick, dana kien ferm aggressiv fil-konfront taghhom, aktar u aktar meta instab ammont ta’ droga fuq il-persuna tieghu u minkejja li kien

immanettjat, ittanta jahrab minn taht il-kustodja tal-pulizija. Fost l-affarijiet illi nstabu fuq il-persuna tieghu, kien hemm sett cwievet illi kienu jifthu l-appartament mikri minn John Fitzpatrick, f’liema appartament instabu diversi oggetti relatati mat-tehid tad-droga. Filwaqt illi huwa minnu illi hadd ma allega illi l-appellant biegh xi droga lil terzi, pero’ John Fitzpatrick jghid illi ma kienx ihallas ghad-droga li jiehu minn ghand l-appellant peress illi dan ta’ l-ahhar kien juza l-flat ta’ Fitzpatrick ghat-tehid tad-droga. Ghalhekk, il-korispettiv tad-droga li kien jiehu Fitzpatrick kien l-uzu mill-appellant ta’ l-appartament tieghu.

Bhal ma ga inghad, kien hemm zewg verzjonijiet principali – dik moghtija mill-appellant u dik moghtija minn John Fitzpatrick. U hawnhekk, l-appellant stieden lill-Qorti biex terga taghmel valutazzjoni tal-provi migbura u tara kif il-verzjoni moghtija minn dik ta’ l-appellant kienet aktar vero simili. Kif ghalmet il-Qorti fil-kawza “Il-Pulizja vs. Joseph Thorn”, Appell Kriminali disgha ta’ Lulju ta’ l-elfejn u tlieta : “ . . . mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna abbuzata. Imma l-Qorti, f’kaz ta’ konflitt ta’ provi, trid tevalwa l-provi, skont il-kriterji annuncjati fl-Artiklu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f’hiex ser temmnu jew ma temmnux.”

L-Artiklu 637 tal-Kap. 9 jaghti kritterji gwida lill-Qorti li ghandha ssegwi sabiex taghti gudizzju dwar kredibilita’ ta’ xhud. L-ewwel Qorti jidher illi ghamlet dan l-ezercizzju meta fil-konsiderazzjonijiet taghha qalet “Il-Qorti setghet tara kemm lill-imputat jixhed u kif ukoll lil John Fitzpatrick. Il-Qorti ssib il-verzjoni ta’ Fitzpatrick attendibbli hafna aktar minn dik ta’ l-imputat u ghalhekk qed tikkonkludi li l-imputat kien forna l-kokajina u l-erojina diversi drabi lil Fitzpatrick matul is-sitt xhur ta’ qabel meta saret it-tfixxtija mill-pulizija.”

Mill-provi prodotti, din il-Qorti ssib illi l-Qorti tal-Magistrati setghet liberament tasal ghal din il-konkluzzjoni. Ir-rejazzjonji ta’ l-appellant ghall-arrest tieghu, l-oggetti relatati mad-droga illi nsabu fl-appartament li tieghu l-appellant kellu c-cwievet, kollha jwasslu ghall-konkluzjoni

wahda – illi l-appellent kien qed jiehu d-droga mhux biss ghalih imma anke ghal John Fitzpatrick. Ix-xhieda ta' dan ta' l-ahhar, tinkwadra wkoll mal-provi cirkostanzjali ohra illi jinstabu fl-appartament u provi ohra li gabru l-pulizija.

Kif qalet il-kawza "Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt", Appell Kriminali l-ewwel ta' Dicembru tan-nineteen ninety four (1994), " . . . l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-Appell ikun ibbazat fuq l-apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anke jekk ikun hemm verzjonijiet kontradettorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghet liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali verzjoni setghet tigi emmnuta u evidentement giet emmnuta . . . il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-deskrizzjoni u dan l-apprezzament."

Ghalhekk, kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalutazzjoni tal-fatti illi ghamel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha, tkun perfettament raggungibbli, bl-uzu tal-logika u buon sens ibbazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti bhala Qorti ta' l-Appell li tisostitwiha b'ohra. Anke jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibli. (Ara l-Pulizija vs. Brian Caruana Appell Kriminali tlieta u ghoxrin ta' Mejju ta' l-elfejn u tnejn.)

Din il-Qorti ghamlet l-apprezzament taghha u waslet ghall-konkluzzjoni illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz illi d-deskrizzjoni ta' l-ewwel Qorti tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------